

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Approvazzjoni tal-kontenut ta' abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura**

(2018/C 425/02)

Fit-23 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni approvat il-kontenut ta' abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura.

L-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni huwa mehmuż bħala Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

L-abbozz ta' Regolament jipproponi li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 bil-għan li jiġu definiti limiti massimi għal kull benefiċjarju tal-ghajjnuna kif ukoll għal kull Stat Membru sa fejn l-għoti ta' ghajjnuna fis-settur agrikolu ma jikkostitwixxix ghajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għaliex ma jipperikolax li jfixkel il-kompetizzjoni.

Wara analiżi bir-reqqa, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni jekk il-limitu massimu ta' ghajjnuna li jista' jingħata għal kull benefiċjarju tal-ghajjnuna matul kull perjodu ta' tliet snin fiskali għandu jiżdied minn EUR 15 000 għal EUR 25 000, u l-limitu massimu nazzjonali applikabbli matul l-istess perjodu minn 1 % attwali sa 1,5 % tal-produzzjoni agrikola ta' kull Stat Membru sakemm mhux iktar minn 50 % mil-limitu massimu tal-Istat Membru individwali jiġi mogħti lil settur agrikolu individwali wieħed ("limitu tal-infiq skont is-settur") u sakemm l-Istat Membru jorganizza reġistru għall-ghajjnuna *de minimis* li fih it-tagħrif meħtieġ biex jiġi ssorveljat ir-rispett ta' dawn il-limiti f'kull mument ta' żmien.

Madankollu, l-abbozz jipprevedi wkoll il-possibiltà li la jiġi introdott limitu tal-infiq skont is-settur u lanqas reġistru għall-ghajjnuna *de minimis*. Sabiex jiġi żgurat li f'dan il-każ ma hemm l-ebda riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-limiti massimi huma ffissati għal EUR 20 000 għal kull benefiċjarju matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali u għal 1,25 % għall-istess perjodu ta' produzzjoni agrikola nazzjonali.

—

## ANNEX

## ABBOZZ TA' REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' ...

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajjnuna orizzontali mill-Istat <sup>(1)</sup>,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament <sup>(2)</sup>,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajjnuna mill-Istat,

Billi:

- (1) Il-finanzjament tal-Istat li jissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, u jeħtieġ li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bih skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Madankollu, skont l-Artikolu 109 tiegħu, il-Kunsill jista' jiddetermina kategoriji ta' għajjnuna eżentati minn dan ir-reqwizit ta' notifika. Skont l-Artikolu 108(4) tat-Trattat il-Kummissjoni tista' tadotta regolamenti marbuta ma' daww il-kategoriji ta' għajjnuna mill-Istat. Skont ir-Regolament (UE) 2015/1588 u skont l-Artikolu 109 tat-Trattat, il-Kunsill iddeċieda li għajjnuna *de minimis* tista' tkun f'kategorija bħal din. Fuq dik il-bażi, għajjnuna *de minimis*, li hija għajjnuna mogħtija lil impriża waħda matul perjodu ta' żmien partikolari li ma taqbiżx ċertu ammont fiss, hija meqjusa li ma tissodisfax il-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għalhekk mhix soġġetta għall-proċedura ta' notifika. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mfakkra li anki jekk l-għajjnuna *de minimis* ma titqiesx bħala għajjnuna mill-Istat, jenħtieġ li din l-għajjnuna ma' tinvolvi xsur tad-dritt tal-UE.
- (2) Il-Kummissjoni diġà adottat għadd ta' regolamenti li jistabbilixxu regoli dwar l-għajjnuna *de minimis* mogħtija fis-settur tal-agrikoltura, li minnhom l-aħħar wieħed kien ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 <sup>(3)</sup>.
- (3) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013, u meta titqies il-varjetà tal-użi tal-għajjnuna *de minimis* fl-Istati Membri, huwa xieraq li jiġu riveduti xi wħud mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament. L-ammont massimu ta' għajjnuna li tingħata lil impriża waħda fuq perjodu ta' tliet snin jenħtieġ li jiżied għal EUR 20 000 u l-limitu nazzjonali jenħtieġ li jiżied għal 1,25 % tal-produzzjoni annwali.
- (4) Meta wieħed iqis il-bżonn ikbar li f'xi Stati Membri tintuża l-għajjnuna *de minimis*, huwa xieraq li jkun hemm lok kemm għal żieda aktar tal-ammont massimu tal-għajjnuna għal kull impriża sa EUR 25 000, kif ukoll tal-limitu nazzjonali sa 1,5 % tal-produzzjoni annwali, skont il-kundizzjonijiet addizzjonali neċessarji biex jitħares il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. L-esperjenza miksuba matul l-ewwel snin tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 uriet li l-konċentrazzjoni ta' għajjnuna *de minimis* f'ċertu settur ta' prodotti tista' twassal għal distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni u l-kummerċ. Għalhekk, jenħtieġ li l-prerekwiżit biex jintużaw l-ogħla limitu individwali u l-limitu nazzjonali jkun l-applikazzjoni ta' limitu settorjali li jimpedixxi lill-Istati Membri milli jagħtu iktar minn 50 % tal-ammont totali kumulattiv ta' għajjnuna *de minimis* fuq kwalunke perjodu ta' tliet snin fiskali għal miżuri li jibbenefikaw settur ta' prodott speċifiku wieħed biss. Il-limitu settorjali jenħtieġ li jiżgura li kwalunkwe miżura li taqa' taħt ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 tkun tista' titqies li ma jkollha l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li ma tfixkilx jew ma tkunx ta' theddida li tfixkel il-kompetizzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU [...], [...], p. [...].

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 9).

- (5) Bħalissa, hija għażla tal-Istati Membri jużaww regjistru nazzjonali ċentrali biex jivverifikaw li la l-limitu individwali *de minimis*, u lanqas il-limitu nazzjonali ma jinqabeż. Madankollu, l-użu ta' regjistru ċentrali jkun neċessarju f'dawk l-Istati Membri li jagħżlu l-ogħla limitu individwali u dak nazzjonali, ladarba l-limitu settorjali li huwa prerekwiżit għal dik l-għażla jitlob sorveljanza iktar mill-qrib tal-għajjnuna li tingħata. Għalhekk, jenħtieġ li għal dawn l-Istati Membri jkun obbligatorju li jitwaqqaf u jiġi miżmum regjistru ċentrali, sabiex ikun hemm rekord tal-għajjnuna *de minimis* kollha li tingħata, u b'dak il-mod ikun jista' jiġi vverifikat li la l-limitu individwali u lanqas il-limitu settorjali jew nazzjonali, ma jinqabżu.
- (6) Jenħtieġ li l-kriterji għall-kalkolu tal-ekwivalenti tal-għotja gross għal self u garanziji jiġu aġġustati skont il-limiti *de minimis* miżjuda.
- (7) Jenħtieġ li l-Istati Membri li jagħżlu li jużaw il-limitu *de minimis* ogħla u l-limitu nazzjonali jkollhom biżżejjed żmien ta' tranżizzjoni biex iwaqqfu r-reġistri ċentrali għas-sorveljanza tal-għajjnuna *de minimis*.
- (8) Ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, dan il-perjodu ta' żmien bejn id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u t-tmiem tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 ikun qasir wisq. Għalhekk, jenħtieġ li għal raġunijiet ta' ċertezza ekonomika u ġuridika, il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1408/2013 jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1408/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, jiżiedu l-paragrafi li ġejjin:

“3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, 'settur ta' prodott' tfisser settur elenkat fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, 'limitu settorjali' tfisser ammont massimu ta' għajjnuna kumulattiva li tapplika għal miżuri ta' għajjnuna li huma ta' benefiċċju għal settur ta' prodott uniku wieħed biss, li jikkorrispondi għal 50 % tal-ammont massimu ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru kif stabbilit fl-Anness II.”;

- (2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

#### Għajjnuna *de minimis*

1. Il-miżuri ta' għajjnuna għandhom jitqiesu li ma jissodisfaww il-kriterji tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u għalhekk ikunu eżentati mill-ħtieġa tan-notifika fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat, jekk jissodisfaww il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-ammont totali ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru lil impriża waħda ma għandux jaqbeż EUR 20 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali.

3. L-ammont kumulattiv ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija għal kull Stat Membru lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali ma għandux ikun iktar mil-limitu nazzjonali stipulat fl-Anness I.

3a. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 2 u 3, Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-ammont totali ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda ma għandux jaqbeż EUR 25 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali u li l-ammont kumulattiv totali ta' għajjnuna *de minimis* mogħti fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali ma għandux jaqbeż il-limitu nazzjonali stabbilit fl-Anness II, skont dawn il-kundizzjonijiet:

(a) għal miżuri ta' għajjnuna li huma ta' benefiċċju għal settur ta' prodott uniku wieħed biss, l-ammont kumulattiv totali li jingħata fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali ma jistax jaqbeż il-limitu settorjali definit fl-Artikolu 2(4);

(b) l-Istat Membru għandu jwaqqaf reġistru nazzjonali ċentrali skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2).

4. L-għajjnuna *de minimis* għandha titqies mogħtija fil-mument li d-dritt ġuridiku li tiġi riċevuta l-għajjnuna jiġi kkonferit lill-impriża skont ir-reġim legali nazzjonali applikabbli, irrispettivament mid-data tal-ħlas tal-għajjnuna *de minimis* lill-impriża.

5. Il-limiti *de minimis* u l-limiti nazzjonali u settorjali msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 3a għandhom japplikaw irrispettivament mill-għamla ta' għajjnuna *de minimis* jew mill-objettiv segwit u irrispettivament minn jekk l-għajjnuna mogħtija mill-Istat Membru hijiex iffinanzjata kompletament jew parzjalment minn riżorsi li joriġinaw fl-Unjoni. Il-perjodu ta' tliet snin fiskali għandu jiġi ddeterminat minn referenza għas-snin fiskali użati mill-impriża fl-Istat Membru kkonċernat.

6. Għall-finijiet tal-limiti *de minimis* u l-limiti nazzjonali u settorjali msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 3a, l-għajjnuna għandha tiġi espressa bħala għotja monetarja. Iċ-ċifri kollha użati huma f'ammonti grossi, jiġifieri qabel it-tnaqqis tat-taxxi jew imposti oħra. Meta l-għajjnuna tingħata f'xi forma oħra apparti għotja, l-ammont tal-għajjnuna għandu jkun l-ekwivalenti tal-għotja gross tal-għajjnuna.

L-għajjnuna pagabbli f'diversi pagamenti għandha titraħhas skont il-valur tagħha fil-mument li tingħata. Ir-rata tal-imgħax li trid tintuża għal skopijiet ta' traħħis għandha tkun ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għajjnuna.

7. Meta l-limiti *de minimis*, il-limiti nazzjonali jew dak settorjali stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 3a jinqabżu bl-għotja ta' għajjnuna *de minimis* ġdida, dik l-għotja l-ġdida ma tkunx tista' tibbenefika minn dan ir-Regolament.

8. Fil-każ ta' fużjonijiet jew akkwizzizzjonijiet, l-għajjnuna *de minimis* kollha li ngħatat qabel lill-impriżi għaddejjin mill-fużjoni għandha titqies meta jiġi ddeterminat jekk kwalunkwe għajjnuna *de minimis* ġdida lill-impriża l-ġdida jew li takkwista taqbiż il-limiti *de minimis* rilevanti, il-limitu nazzjonali rilevanti jew il-limitu settorjali. L-għajjnuna *de minimis* li ngħatat legalment qabel il-fużjoni jew l-akkwizzizzjoni għandha tibqa' legali.

9. Jekk impriża tinqasam fi tnejn jew f'iktar impriżi separati, l-għajjnuna *de minimis* li tingħata qabel isir il-qsim għandha tiġi allokata lill-impriża li bbenefikat minnha, li hija fil-prinċipju l-impriża li qed tieħu ħsieb l-attivitàjiet li għaliha ntużat l-għajjnuna *de minimis*. Jekk din l-allokkazzjoni ma tkunx possibbli, l-għajjnuna *de minimis* għandha tiġi allokata b'mod proporzjonali abbażi tal-valur kontabilistiku tal-kapital ta' ekwità tal-impriżi l-ġodda fid-data effettiva tas-separazzjoni.”;

(3) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(b) għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2), is-self huwa assikurat b'garanzija li tkopri mill-anqas 50 % tas-self u s-self jammonta jew għal EUR 100 000 fuq ħames snin jew EUR 50 000 fuq għaxar snin, jew, għal miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(3a), jew EUR 125 000 fuq ħames snin jew EUR 62 500 fuq għaxar snin; jekk is-self ikun inqas minn dawk l-ammonti u/jew jingħata għal perjodu iqsar minn ħames jew għaxar snin rispettivament, l-ekwivalenti tal-għotja gross ta' dak is-self għandha tiġi kkalkulata bħala proporzjon ekwivalenti għal-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 3(2) jew (3a); jew”;

(b) fil-paragrafu 6, il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(b) għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2), il-garanzija ma taqbiżx 80 % tas-self sottostanti u fil-każ li l-ammont garantit huwa EUR 150 000 u d-durata tal-garanzija hija ħames snin jew l-ammont garantit huwa EUR 75 000 u d-durata tal-garanzija hija għaxar snin, jew, għall-miżuri li jaqgħu taħt Artikolu 3(3a), il-garanzija ma taqbiżx 80 % tas-self sottostanti u jew l-ammont garantit huwa EUR 187 500 u d-durata tal-garanzija hija ħames snin jew l-ammont garantit huwa EUR 93 750 u d-durata tal-garanzija hija għaxar snin; jekk l-ammont garantit ikun inqas minn dawn l-ammonti u/jew il-garanzija tkun għal perjodu ta' inqas minn ħames jew għaxar snin rispettivament, l-ekwivalenti tal-għotja gross ta' dik il-garanzija għandha tiġi kkalkulata bħala proporzjon ekwivalenti għal-limiti *de minimis* stabbiliti fl-Artikolu 3(2) jew (3a); jew”;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-għajjnuna inkluża fl-injezzjonijiet kapitali għandha titqies biss bħala għajjnuna *de minimis* trasparenti jekk l-ammont totali ta' injezzjoni pubblika ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* rilevanti.”;

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-għajjnuna inkluża f'miżuri ta' finanzjament ta' riskju f'forma ta' investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità għandha titqies biss bħala għajjnuna *de minimis* trasparenti jekk il-kapital ipprovdut lil impriża waħda ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* rilevanti.”;

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Sal-1 ta' Lulju 2022, l-Istati Membri li jagħtu għajjnuna skont l-Artikolu 3(3a) għandhom iwaqqfu regjistru ċentrali ta' għajjnuna *de minimis* li jkun fih l-informazzjoni kollha dwar l-għajjnuna *de minimis* kollha li tingħata minn kwalunkwe awtorità f'dak l-Istat Membru. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom jieqfu japplikaw fil-mument li r-regjistru jkopri perjodu ta' tliet snin fiskali.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Stat Membru għandu jagħti l-għajjnuna *de minimis* ġdida skont dan ir-Regolament biss wara li jkun ivverifika li dan ma jżidx l-ammont totali tal-għajjnuna *de minimis* mogħtija lill-impriża kkonċernata għal livell ogħla mill-limitu massimu stabbilit u l-limiti nazzjonali u l-limitu settorjali msemmija fl-Artikolu 3(2), (3) u (3a) u li jkunu tħarsu l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.”;

(5) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għajjnuna mogħtija qabel id-dħul tiegħu fis-seħħ jekk l-għajjnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament, ħlief għal-limitu settorjali msemmi fl-Artikolu 3(3a). Kwalunkwe għajjnuna li ma tissodisfax dawk il-kundizzjonijiet tiġi evalwata mill-Kummissjoni skont l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.”

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Il-limitu settorjali msemmi fl-Artikolu 3(3a) għandu japplika biss għall-għajjnuna li tingħata mill-[1 ta' Jannar 2019].”;

(6) Fl-Artikolu 8, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Dan għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2027.”;

(7) L-Anness huwa sostitwit bit-test ippreżentat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## Anness I

**Ammonti massimi totali kumulattivi tal-ghajjnuna *de minimis* mogħtija lill-impriżi fis-settur tal-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli għal kull Stat Membru, skont l-Artikolu 3(3)**

(EUR)

| Stat Membru        | Ammonti massimi ta' ghajjnuna <i>de minimis</i> |
|--------------------|---|
| Il-Belġju          | 100 251 042                                     |
| Il-Bulgarija       | 48 940 583                                      |
| Ir-Repubblika Ċeka | 60 282 125                                      |
| Id-Danimarka       | 129 767 292                                     |
| Il-Ġermanja        | 687 676 542                                     |
| L-Estonja          | 10 630 167                                      |
| L-Irlanda          | 92 612 083                                      |
| Il-Greċja          | 129 441 708                                     |
| Spanja             | 565 246 333                                     |
| Franza             | 906 389 083                                     |
| Il-Kroazja         | 25 705 125                                      |
| L-Italja           | 679 716 500                                     |
| Ċipru              | 8 469 042                                       |
| Il-Latvja          | 16 122 833                                      |
| Il-Litwanja        | 32 505 583                                      |
| Il-Lussemburgu     | 5 328 250                                       |
| L-Ungerija         | 97 979 375                                      |
| Malta              | 1 581 667                                       |
| In-Netherlands     | 337 799 500                                     |
| L-Awstrija         | 85 697 833                                      |
| Il-Polonja         | 276 092 750                                     |
| Il-Portugall       | 84 801 750                                      |
| Ir-Rumanija        | 198 666 208                                     |
| Is-Slovenja        | 15 523 667                                      |

(EUR)

| Stat Membru   | Ammonti massimi ta' ghajjnuna <i>de minimis</i> |
|---------------|---|
| Is-Slovakkja  | 28 760 708                                      |
| Il-Finlandja  | 50 912 375                                      |
| L-Iżvezja     | 75 125 875                                      |
| Ir-Renju Unit | 385 044 042                                     |



## Anness II

**Ammonti massimi totali kumulattivi tal-ghajjnuna *de minimis* mogħtija lill-impriżi fis-settur tal-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli għal kull Stat Membru, skont l-Artikolu 3(3a)**

(EUR)

| Stat Membru        | Ammonti massimi ta' ghajjnuna <i>de minimis</i> |
|--------------------|---|
| Il-Belġju          | 120 301 250                                     |
| Il-Bulgarija       | 58 728 700                                      |
| Ir-Repubblika Ċeka | 120 301 250                                     |
| Id-Danimarka       | 58 728 700                                      |
| Il-Ġermanja        | 825 211 850                                     |
| L-Estonja          | 12 756 200                                      |
| L-Irlanda          | 111 134 500                                     |
| Il-Greċja          | 155 330 050                                     |
| Spanja             | 678 295 600                                     |
| Franza             | 1 087 666 900                                   |
| Il-Kroazja         | 30 846 150                                      |
| L-Italja           | 815 659 800                                     |
| Ċipru              | 10 162 850                                      |
| Il-Latvja          | 19 347 400                                      |
| Il-Litwanja        | 39 006 700                                      |
| Il-Lussemburgu     | 6 393 900                                       |
| L-Ungerija         | 117 575 250                                     |
| Malta              | 1 898 000                                       |
| In-Netherlands     | 405 359 400                                     |
| L-Awstrija         | 102 837 400                                     |
| Il-Polonja         | 331 311 300                                     |
| Il-Portugall       | 101 762 100                                     |
| Ir-Rumanija        | 238 399 450                                     |
| Is-Slovenja        | 18 628 400                                      |

(EUR)

| Stat Membru   | Ammonti massimi ta' ghajjnuna <i>de minimis</i> |
|---------------|---|
| Is-Slovakkja  | 34 512 850                                      |
| Il-Finlandja  | 61 094 850                                      |
| L-Iżvezja     | 90 151 050                                      |
| Ir-Renju Unit | 462 052 850                                     |